TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1316

KAZ NRU. 1514

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Andrei Attard
u
Excel Group Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 15 ta' Lulju 2002

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 14 ta' Frar 2001 b'referenza MSP/TI/13/2001 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 12 il-seduta.

Andrei Attard, aktar il-quddiem jissejah l-"appellant, kien assistit mill-Avukat Luciano Busuttil u Excel Group Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-Kumpanija, kienet rapprezentata minn Chris Cachia assistit mill-Avukat Robert Tufigno.

Fl-ittra ta' tkeccija l-Kumpanija tat bhala ragunijiet li l-appellant :

- kien ghadu taht il-perijodu ta' probation ;
- ghalkemm kien jahdem hafna ma kienx flessibbli ;
- ma kienx jikkunsidra importanti struzzjonijiet biex joqghod overtime.

Matul it-trattament tal-kaz il-Kumpanija allegat nuqqasijiet u zbalji mill-appellant fix-xoghol ta' l-accounts.

Minn naha tieghu l-appellant sostna li :

- gie mkecci ngustament u minghajr ma inghata notice skond il-ligi ;
- inghata xoghol minbarra dak li kien gie miftiehem u li kien jinkludi l-uzu tal-vettura tieghu bl-ispejjes ghalih ;
- relazzjonijiet bejnu w l-Managing Director bdew jihzienu meta pprotesta dwar l-ispejjes li kien qed jehel u dwar it-talba li jaghmel numru kbir ta' sieghat overtime minghajr hlas ;
- qatt ma inghata warnings dwar xi nuqqasijiet jew zbalji fix-xoghol.

Mix-xhieda u mid-dokumenti gie stabbilit li :

- meta gie mpjegat l-appellant ix-xoghol ta' l-accounts kien erbgha xhur b'lura ghaliex ma kienx sar minn meta spicca l-impjegat ta' qabel l-appellant :
- l-appellant ma nghatax handover u kellu jipprova jsolvi hafna problemi li rrizultaw ;
- fil-perijodu li ma kien hemm hadd jiehu hsieb l-accounts saru depositi ta' flus li kienu jkopru numru ta' klijenti minghajr ma nzamm record ta' kemm kien hallas kull klijent individwali ;
- fil-bidu ta' Dicembru l-Managing Director ried jikkopja xi files mis-sistema tal-komputer u l-appellant qallu li ahjar igib lil xi hadd intiz f'dan ix-xoghol. Izda hu ried jikkupjhom u bhala rizultat intilfet id-data kollha ta' l-accounts ghas-sena 2000 ;
- minkejja dan, l-Managing Director insista li l-appellant kellu xorta wahda jlesti l-accounts sa l-ewwel ta' Jannar u biex dan isir jahdem sieghat twal kemm hemm bzonn inklus f'sibtijiet hdud u festi u dan minghajr kumpens addizzjonali ;
- l-appellant ghamel hiltu biex jirkupra d-data mitlufa izda dan kien difficli ghaliex diversi dokumenti relatati ma nstabux u sa dan it-tant kellu jlahhaq max-xoghol normali u minghajr ghajnuna ta' hadd ;
- l-awdituri sabu diversi zbalji fl-accounts izda uhud biss kienu attribbwibli lill-appellant ghaliex il-bicca l-kbira kienu saru qabel ma gie mpjegat l-appellant, minhabba depoziti fejn ma kienux inzammu dettalji tal-klijenti nvoluti, rizultat li ntilfu mill-komputer id-dettalji kollha ghas-sena 2000 u ghax kien hemm dokumenti neqsin dwar tranzazzjonijiet passati ;
- l-appellant ma nghatax warnings dwar nuqqasijiet jew xoghol hazin.

It-Tribunal ikkonsidra li :

- l-appellant kellu jahdem f'cirkostanzi difficli kagunati minn nuqqasijiet minn naha tal-Kumpanija u pressjoni minn naha tal-Managing Director biex xoghol jitlesta sad-data prevista minkejja t-telf tal-informazzjoni mill-komputer minnhu stess. F'dan l-isfond xi zbalji li seta' ha l-appellant huma skuzabbli.
- l-appellant ma kellu imkien fejn, u hadd ghand min, jirrikorri dwar xoghol li sar qabel zmienu u kull meta kien jersaq bi problema ghand il-Managing Director kien jghidlu "ara x'taghmel, dik risposabbilta tieghek."
- l-appellant kien flessibli fi grad normali u fit-termini tal-ftehim propost meta gie impjegat u ghamel kull ma seta' biex isolvi problemi li sab u li nqalghu mhux htija tieghu ; kien il-Managing Director li ppretenda flessibbilta fi grad ezagerat, li kienet teccedi l-limiti ragonevoli u tant l-boghod minn dik intiza meta gie mpjegat li kienet tavvicina sfruttament ;
- b'eba mod ma gie pruvat li l-appellant ma tax l-importanza xierqa lil struzzjonijiet **legittimi** tas-superjuri tieghu.

Fis-sottomissjonijiet finali l-Kumpanija ggustifikat it-terminazzjoni ta' l-impieg pricipalment fuq it-tezi li skond ftehim milhuq meta gie mpjegat l-appellant kellu jkun hemm probation period ta' sitt xhur.

Dan l-argument mhux tenibbli ghar-ragunijiet segwenti. Il-ligi tistabbilixxi l-perijodu ta' probation ghal tlett xhur. Dan jista jigi mtawwal sa sitt xhur fejn impieg huwa regolat bi ftehim industrijali u anke sa sena f'karigi ta' certa risponsabbilta.

Izda gie ppruvat li **kien sar ftehim bejn il-partijiet li jsir kuntratt bil-miktub** li kellu jinkorpora l-kondizzjonijiet ta' l-impieg – dawk li pproponiet il-Kumpanija kif ukoll dawk li talab l-appellant. Dan kien jorbot il-partijiet u ma jhalli ebda ekwivoku dwar x'gie miftiehem meta gie mpjegat l-appellant.

Minkejja l-insistenza ta' l-appellant biex jigi ffirmat l-kuntratt l-Kumpanija, ghall-iskopijiet taghha, baqghet ma ghamlitx dan tant li l-appellant baqa minghajr konferma tal-kundizzjonijiet ta' l-impieg sa kemm tkecca.

Kienet il-Kumpanija li naqset li taghmel l-kuntratt bil-miktub **kif kien miftiehem** u issa dan in-nuqqas taghha mghandux jintuza, u t-Tribunal ma jistghax jiuppermetti li jintuza, dak li seta' kien fih, kif u meta jaqblilha, biex tiehu vantagg fuq l-appellant u tiggustifika t-terminazzjoni ta' l-impieg.. Dan specjalment meta xi kondizzjonijiet li l-appellant xtaq li jkunu f'kuntratt bil-miktub baqghu skoperti sa ma tkecca.

It-Tribunal jinnota li l-Kumpanija anqas kienet konformi mat-tezi taghha stess meta ma tatx gimgha notice lill-appellant kif rikjest bil-ligi f'kaz ta' terminazzjoni waqt probation. Fin-nuqqas ta' ftehim ikkonfermat u accettat miz-zewg partijiet ghandha tapplika l-ligi

Wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-tribunal jiddeciedi li ma kienx hemm raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex jigi terminat l-impieg ta' l-appellant. Jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens ta' Lm 300 (tlett mitt lira Maltin) lill-appellant. Dan il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mill 31 ta' Awissu 2002.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk item din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja